MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru. 721/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Emanuel Galea ta’ 38 sena, iben Joseph u Doris nee Galea, imwieled Hamrun nhar it-22 ta’ Jannar, 1972, residenti gewwa 18, Block B, Triq il-Hawha, San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 54372M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Emanuel Galea li gie akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Mejju 2010 gewwa San Giljan u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggett misruq li l-valur tieghu ma jeccedix il-2329.4 Euro (Lm1000), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra

minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh:

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tas-16 ta' Lulju, 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi r-resfurtiva giet ritornata lil sidha li ddikjara seduta stante li m'ghandu l-ebda pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------